**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Matthew Zarb**

Numru 1289/2014

Illum 16 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront tal-imputat **Matthew Zarb**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin il-mejjet Vincent u Frances neé Mifsud, imwieled tal-Pietà nhar il-5 ta' Jannar 1988, residenti 38, Ruden, Triq il-Vitoria, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija bin-Numru 41788(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Dicembru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

[1] Dok. "X" – *a fol.* 148 u 149.

1. kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta li bih inghata il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

4. ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 meta ma kienx licenzjat mill-awtorita' kompetenti sabiex isuq vettura bil-mutur, wara li kellu l-licenzja tieghu sospiza b'sentenza tal-Qorti datata 23 ta' Settembru 2014 moghtija mill-Magistrat Dr. F. Depasquale.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "GM 2" – *a fol.* 8) datat 23 ta' Dicembru 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 42/15 (*a fol.* 49 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Francesco Depasquale, liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' sustanza suspettata haxixa tal-*Cannabis* fuq il-persuna ta' Matthew Zarb nhar it-23 ta' Dicembru 2014.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 97 *et seq.*)**.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 105), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 212) datata 15 ta' Gunju 2017 li permezz taghha:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

- *ai termini* ta' Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

  1. fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 232 u 233), il-Qorti hadet konjizzjoni tan-Nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 2017 hawn fuq imsemmija.

Rat illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 232 u 233), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Gunju 2017 (*a fol.* 212), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 232 u 233), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, f'liema seduta l-imputat iddikjara wkoll li ma kellux provi xi jressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-18 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 235).

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2019, is-sottomissjonijiet finali da parte tad-difiza (*a fol.* 238 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 24) fejn qal li kien ghadu ma espletax l-inkarigu moghti lilu pero' qal li kien f'pozizzjoni jikkonferma li fis-sustanza li ezamina kien hemm prezenti *tetrahydrocannabinol* li hija sustanza li tigi mill-pjanta *cannabis*.

Ix-**Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 121) fejn spjega li kien gie mahtur mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale sabiex jaghmel analizi fuq dokumenti li kienu nstabu gewwa Triq il-Bormla, Zejtun nhar it-23 ta' Dicembru 2014. Jghid li huwa ghamel l-analizi u ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 122 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Gabriel Micallef** (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 kienu gew infurmati li fl-inhawi taz-Zejtun x'aktarx kien ser ikun hemm *transit* ta' droga u li l-persuna seta' ikun gej b'mutur. Jghid li flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu ezercizzju fi triq maghrufa bhala tac-Cawsli li taghti ghaz-Zejtun. Jghid li hekk kif gie nnutat mutur gej fi Triq tac-Cawsli, it-triq giet maghluqa bil-vetturi, u gie mwaqqaf il-mutur li fuqu kien hemm l-imputat. Jghid li identifikaw ruhhom mal-imputat li minnufih qalilhom li gol-basket kellu xi nofs kilo haxixa. Jghid li nforma lill-imputat li kien taht arrest, gie moghti d-drittijiet tieghu u saritu tfittxija fuqu fil-basket. Jghid ukoll li aktar tard saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn mill-ewwel l-imputat indikalhom li gewwa l-*washroom*, fuq xkaffa n-naha ta' fuq go *boiler* ta' l-ilma, kellu pakkett iehor bi ftit haxixa tal-*cannabis*. Jixhed: *"In fatti sibniha hemmhekk u ghamilna search fid-dar kollha pero' rrizulta fin-negattiv"* (*a fol.* 27). Jghid li ttiehdet stqarrija tal-imputat u jghid ukoll x'qallu l-imputat f'din l-istqarrija. Ezebixxa l-istqarrija li giet immarkata bhala Dok. "MZ" (*a fol.* 28 *et seq.*), dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat li giet immarkata bhala Dok. "MZ 1" (*a fol.* 30), u kif ukoll certifikat tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "MZ 2" (*a fol.* 31).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Gabriel Micallef** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 133) fejn ezebixxa bhala Dok. "GM 1" (*a fol.* 134 *et seq.)* vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fit-23 ta' Settembru 2014 fil-konfront ta' Matthew Zarb (ID Nru. 41788(M)). Ezebixxa wkoll bhala Dok. "GM 2" (*a fol.* 136 *et seq.*) vera kopja tal-

kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fil-konfront ta' Matthew Zarb moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 kellu struzzjonijiet sabiex imur fit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli, z-Zejtun peress li kien hemm informazzjoni li seta' jsir *deal* tad-droga u li kienet ser tigi persuna fuq mutur. Jghid li hu kien fil-vettura tas-servizz bin-numru ta' registrazzjoni IBO 457 fejn jixhed li ghall-habta tas-1.45pm gie nnutat gej mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657, li gie mwaqqaf. Jghid li sfortunatament il-mutur waqa' mal-art u li x'hin tnehha l-*crash helmet* tas-sewwieq, is-sewwieq kien l-imputat li gie identifikat fl-awla. Jixhed li l-imputat infurmahom li fil-*backpack* li kellu fuq dahru kellu xi haxixa u li, jekk mhux sejjer zball, qalilhom li kellu nofs kilo haxixa go fih. Jikkonferma li fuq il-post kien hemm ukoll l-iSpettur Gabriel Micallef. Jghid li l-imputat inghata t-twissijiet u d-dritt ta' l-avukat u li l-imputat gie mittiehed lejn id-Depot tal-Pulizija ghal aktar investigazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehdet ukoll **WPC 44 Graziella Sciberras** (*a fol.* 34) fejn qalet li fit-23 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-1.45pm kellhom informazzjoni li kien ser issir *deal* tad-droga u b'hekk marru go Triq Bormla maghrufa bhala t-triq tac-Cawsli fiz-Zejtun sabiex ikunu fuq il-post. Tghid li t-triq giet maghluqa malli ntlemah gej mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 u li malli l-mutur waqaf fuqu kien hemm l-imputat li gie identifikat fl-awla. Tghid li l-imputat mal-ewwel ammetta li kellu nofs kilo haxixa gol-*backpack* tieghu. Tghid li l-imputat gie mittiehed id-Depot ghal aktar investigazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **PS 891 Oscar Baldacchino** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 kienu jafu li kien ser isir *deal* tad-droga gewwa z-Zejtun. Jghid li kienu fi Triq Bormla gewwa z-Zejtun fejn kienu qed jistennew mutur tal-ghamla Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657. Jispjega li ghall-habta tas-1.45pm gie nnutat dan il-mutur gej u li gie mwaqqaf. Jghid li l-mutur kien qed jinstaq mill-imputat li gie identifikat fl-awla. Jixhed li l-imputat kellu *backpack* u li, malli gie

mwaqqaf, minn jeddu qalilhom li kien qed igorr xi nofs kilo *cannabis*. Jghid li l-imputat gie arrestat, gie moghti d-drittijiet tieghu fuq il-post u minn hemmhekk gie eskortat lejn id-Depot ghall-aktar investigazzjonijiet. Jghid li l-iSpettur Gabriel Micallef kien maghhom fuq il-post.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **PC 492 Keith Muscat** (*a fol.* 36b *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-1.45pm gie mwaqqaf mutur ta' l-ghamla Suzuki iswed bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 li kien niezel minn Triq Bormla, Zejtun maghrufa bhala tac-Cawsli. Jghid li l-mutur kien misjuq mill-imputat li gie identifikat fl-awla u li hu gie mwaqqaf peress li gie msakkar bil-vetturi tas-servizz. Jixhed li l-imputat kellu *backpack* fuq dahru u li mill-ewwel qalilhom li kellu nofs kilo haxixa. Ezebixxa l-*prime note* tieghu li gew immarkati bhala Dok. "KM" (*a fol.* 38).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, xehed **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' Dicembru 2014 assista ghal tfittxija li kienet ha ssir fil-fond 38, Ruden, Triq il-Vittorja, Birkirkara fejn prezenti maghhom kien hemm l-imputat li gie identifikat fl-awla. Jispjega li qabel dahlu biex jaghmlu tfittxija fid-dar, l-imputat volontarjament qalilhom li kellu xi haga ohra x'jaghtihom. Jghid li hekk kif kienu ser jibdew it-tfittxija, l-imputat indikalhom il-post fejn kellu dan l-oggett, hadhom hu gol-*washroom* fejn spjega li l-post huwa *maisonette* imma l-*washroom* tinsab fil-*ground floor*, f'liema *washroom* kien hemm *boiler* tal-mishun fejn l-imputat nizzel dan il-*boiler* u minn go fih ghaddielhom pakkett. Jghid li l-imputat ghadda dan il-pakkett lil PS 579 u li wara tkompliet t-tfittxija fid-dar. Jixhed li hu (PC 760) ma kienx involut fit-tfittxija li kompliet issir fid-dar.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015, xehed **PS 422 Neil Caruana** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn spjega li fit-23 ta' Dicembru 2014 gie mahtur fl-Inkjesta Magisterjali rigward sejba ta' sustanza suspettata illegali liema sustanza nstabet gewwa Triq Bormla, Zejtun. Ezebixxa r-rapport redatt minnu u minn PC 1362, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "NC" (*a fol.* 58 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **PC 1362 Jonas Schembri** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 gie mahtur bhala *Scene of Crime* fotografu. Jghid li mar fi Triq Bormla, fiz-Zejtun fejn ha sittax il-ritratt. Ikkonferma r-rapport Dok. "NC" (*a fol.* 58 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **Mark Taliana** (*a fol.* 67 *et seq.*) fejn spjega li ghandu mutur *Scrambler* u li ma jiftakarx in-numru ta' registrazzjoni tieghu. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel dan il-mutur ghand l-imputat wiegeb li mar ghandu biex l-imputat jahsilulu.

**Mark Taliana** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' April 2015 (*a fol.* 78 *et seq.*) fejn spjega x'kien in-numru ta' registrazzjoni tal-mutur tieghu li sar riferenza ghalih meta xehed fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015. Ezebixxa *animo ritirandi* l-*logbook* ta' dan il-mutur li gie mmarkat bhala Dok. "MT" (dan gie rtirat in segwitu ta' Digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-1 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 93)).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2015, xehed ukoll **Stephen Cachia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 69) fejn qal li minn ricerka li ghamel fuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 irrizulta li dan huwa Suzuki ta' kulur iswed li huwa registrat fuq Mark Taliana (I.D. Nru. 270481(M)). Jghid li l-mutur ilu hekk registrat mis-7 ta' Mejju 2014. Ezebixxa d-dokument li xehed dwaru li gie mmarkat bhala Dok. "SC" (*a fol.* 71 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015, xehed **PS 1163 Francis Schembri** (*a fol.* 107 *et seq.*) fejn qal li fit-23 ta' Dicembru 2014 dahlet informazzjoni li x'aktarx kien ser isir *deal* ta' droga lejn in-naha taz-Zejtun. Jghid li hu kien go vettura flimkien ma' l-iSpettur Gabriel Micallef u PS 579 u li kien hemm xi kollegi ohra f'vetturi ohra. Jghid li gibdu lejn triq tac-Cawsli, fiz-Zejtun fejn x'aktarx kellu jghaddi persuna b'mutur li suppost kien qed igorr xi droga. Jghid li hekk kif gie osservat mutur gej, *"dan qabez ghadda minn fuqna ghax ahna tlajna minn warajh u kif rawh gej shabna minn naha ta' quddiem, ghalqulu t-triq"* (*a fol.* 107). Jixhed li hekk kif gie mwaqqaf dan il-

persuna u hekk kif nehha l-*helmet* qalilhom li kien qed igorr hames mitt gramma haxixa tal-*cannabis*. Jghid li gie moghti d-drittijiet tieghu u gie arrestat u li fuq ordni tal-iSpettur Gabriel Micallef marru fir-residenza tieghu f'Birkirkara. Jghid li dan il-persuna kien Matthew Zarb li minn gol-*washroom* li tinsab gol-bitha isfel, l-istess Zarb ghaddielhom borza zghira li kien fiha xi *cannabis grass*.

**PS 1163 Francis Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 141) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghal dak li xehed fil-15 ta' Settembru 2015, identifika lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li fit-23 ta' Dicembru 2014 gie mwaqqaf fit-triq li taghti minn Haz-Zabbar ghaz-Zejtun, liema triq hija maghrufa bhala tac-Cawsli.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016, xehed l-i**Spettur Johann Fenech** (*a fol.* 140) fejn gie muri Dok. "GM 2" (*a fol.* 136 *et seq.*) u qal li dawn huma l-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja ta' l-imputat meta huwa nghata l-helsien mill-arrest, liema imputat gie identifikat fl-awla. Jghid li hu kien investiga u ha passi kontra l-imputat li nghata l-helsien mill-arrest fil-15 ta' Frar 2011. Mistoqsi jghid jekk dawn il-kundizzjonijiet ghadhomx jew le *in vigore*, wiegeb: *"Sa fejn naf jien ghadhom in vigore iva"* (*a fol.* 140).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2016, xehed **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 166) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu. Jghid, fost l-ohrajn, li huwa ezamina l-affarijiet li jsemmi fid-depozizzjoni tieghu ghall-impronti digitali u jghid li gew zviluppati xi impronti li ha ritratti taghhom. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "JH 1" (*a fol.* 167 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 200) fejn spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu moghti lilu. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 228 *et seq.*) fejn spjega li waqt li kien qed jaghmel ir-rapport tal-assi tal-imputat, sab li sar ksur ta' *freezing order* f'kawza

ohra. Jghid: *"Issa dik forsi ma nistghux nidhlu fiha hawn, pero' ma stajtx nelenkaha fir-rapport sa meta kont qed naghmlu sat-8 ta' Marzu, kellu jsir id-depozitu kif ordnat minn Qorti ohra biex inkun nista' naghmel elenku tieghu f'dan ir-rapport"* (*a fol.* 228). Jghid li dan id-depozitu ordnat mill-Qorti Kriminali ghadu ma sehhx. Jixhed li qed jitkellem fuq trasferiment ta' proprjeta' li kienet saret wara l-iffrizar tal-assi. Jghid: *"Allura speci r-rapport tieghi juri dan kollu, juri li l-Ufficcju tal-Avukat Generali kien informa lill-Qorti ohra b'li kien gara pero' jien bhala rapport ma stajtx ninforma lill-Qorti li dan id-depozitu sar"* (*a fol.* 228). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (*Envelope Loose*).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux

jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-23 ta' Dicembru 2014 il-Pulizija gew infurmati rigward *deal* tad-droga li kien ser isir u li mit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli li taghti ghaz-Zejtun kien ser jghaddi persuna fuq mutur. Hekk kif intlemah dan il-mutur gej, it-triq giet maghluqa ghall-vetturi, gie mwaqqaf il-mutur li rrizulta li fuqu kien hemm l-imputat li minnfuh qal lill-Pulizija li gol-basket kellu madwar nofs kilo haxixa. Jirrizulta li saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn l-imputat indika li kellu pakkett bi ftit haxixa tal-*cannabis*.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat[2] b'pussess aggravat tal-*cannabis*, b'nuqqas ta' tharis ta' kundizzjonijiet imposti fuqu meta nghata l-helsien mill-arrest, b'li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'li kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u b'li saq vettura *ossia* mutur meta ma kienx licenzjat mill-awtorita' kompetenti sabiex isuq vettura bil-mutur peress li kellu l-licenzja

[2] *A fol.* 148 u 149.

tieghu sospiza b'sentenza tal-Qorti. Filwaqt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 235), il-Prosekuzzjoni tishaq li l-Qorti ghandha ssib htija fil-konfront tal-imputat dwar l-imputazzjonijiet kif dedotti, u dana ghar-ragunijiet imsemmija minnha fin-Nota msemmija, fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 238 *et seq.*) id-difiza tishaq ghala l-imputat ghandu jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li jsiru numru ta' konsiderazzjonijiet generali:

- Isem l-imputat: Il-Qorti tinnota li mentri fl-okkju tac-*charge sheet* isem l-imputat gie indikat bhala "Matthew"[3], fejn hemm il-konnotati tieghu fic-*charge sheet* l-isem gie ndikat bhala "Mathew"[4], liema isem jirrizulta wkoll fl-Ordni tal-Avukat Generali tat-23 ta' Dicembru 2014 (Dok. "GM 2" – *a fol.* 8) u fl-istqarrija tal-imputat (Dok. "GM 5" – *a fol.* 12 *et seq.* u Dok. "MZ" – *a fol.* 28 *et seq.*). Minkejja dan, u apparti l-fatt li ma kienx hemm kontestazzjoni da parte tad-difiza dwar l-identita' tal-imputat tal-kawza odjerna, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li dan kien semplici *lapsus calami ossia lapsus computeri*. M'ghandux ikun hemm l-ebda dubju li l-kawza odjerna hija fil-konfront ta' "Matthew Zarb", cioé l-imputat li deher tul is-smiegh ta' dawn il-proceduri, u dana peress li l-konnotati tal-persuna imputata fic-*charge sheet* huma kollha identici ghal dawk li hemm fid-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni fejn isem l-imputat huwa indikat bhala "Matthew"[5].

- Kontro-Ordni tal-Avukat Generali: Fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 239), id-difiza, filwaqt li taghmel riferenza ghan-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 212), tishaq li ladarba l-Avukat

---

[3] *A fol.* 1.
[4] *A fol.* 1 u *a fol.* 148.
[5] Fedina penali (Dok. "GM 1" – *a fol.* 5 *et seq.*); Dettalji tal-imputat (Dok. "GM 3" – *a fol.* 9); Dikjarazzjoni (Dok. "GM 4" – *a fol.* 11 u Dok. "MZ 1" – *a fol.* 30); Certifikat tat-twelid tal-imputat (Dok. "MZ 2" – *a fol.* 31); Nota tal-Avukat Generali (li tikkontjeni l-Kontro-Ordni u l-Artikoli li skond l-Avukat Generali l-imputat ghandu jinstab hati taghhom) (*a fol.* 212).

Generali ma ndikax l-Artikoli tal-Ligi li jemergu minn Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat. Fl-istess sottomissjonijiet, id-difiza tissottometti li kaz simili nqala' fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Borg** li kienet qed tinstema' quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Il-Qorti tinnota li *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa l-Avukat Generali li jordna jekk persuna akkuzata b'reat kontra Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jigix mressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Huwa Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li minkejja li l-Avukat Generali jkun ordna li persuna tigi processata mill-Qorti Kriminali li huwa jista' f'kull zmien qabel ma jipprezenta l-Att tal-Akkuza jew f'kull zmien wara li jipprezenta l-Att tal-Akkuza u qabel ma jintghazel il-guri, u bil-kunsens tal-akkuzat, jordna li dik il-persuna tigi processata quddiem il-Qorti tal-Magistrati u malli jsir dak l-ordni (maghruf bhala l-Kontro-Ordni) li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipprocessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun inghata ebda ordni qabel. *Ai termini* ta' Artikolu 32 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 370 tal-Kodici Kriminali u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 31, il-Qorti tal-Magistrati tkun kompetenti li tipprocessa r-reati kollha kontra din l-Ordinanza kif ordnat mill-Avukat Ġenerali skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 22(2)".

M'huwiex rikjest mill-Avukat Generali li jindika l-Artikoli tal-Ligi tal-akkuzi li jemergu minn Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala parentenzi ghandu jinghad li meta fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza ghamlet riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Kevin Borg**, id-difiza qalet: *"Kaz simili inqala' **Pulizija vs. Kevin Borg**. F'**Il-Pulizija vs. Kevin Borg** quddiem il-Magistrat Miriam Hayman kellna l-istess sitwazzjoni. Inghataw l-Artikoli pero' ma gewx indikati l-Artikoli illi kienu jirrelataw ghal Kap. 101"* (*a fol.* 239). Ghandu jinghad li r-riferenza li saret mid-difiza ghall-kawza **Il-Pulizija vs. Kevin Borg** ma kinitx wahda korretta u dana peress li f'dik il-kawza s-sitwazzjoni ma kinitx simili ghal dik tal-kawza odjerna. Is-sitwazzjoni li nholqot f'dik il-kawza kienet li fin-Nota tieghu l-Avukat Generali filwaqt li ndika l-Artikoli tal-Ligi li jemergu minn Kapitoli 9 u 446 tal-Ligijiet ta' Malta li skond hu l-imputat f'dik il-kawza kellu jinstab hati taghhom, fin-Nota msemmija kien hemm ukoll il-Kontro-Ordni *ai termini* tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta pero' l-Avukat Generali naqas li jindika l-Kontro-Ordni *ai termini* tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress li fil-kawza in kwistjoni kien hemm originarjament Ordni *ai termini* tal-Kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma ghandha ghalfejn taghmel l-ebda kumment iehor ghaliex m'hemm xejn identiku bejn il-kawza li saret riferenza ghaliha u l-kawza odjerna.

- <u>Stqarrija</u>: Fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 240), id-difiza talbet li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija tigi skartata minhabba li l-imputat ma kienx provdut bl-assistenza ta' avukat <u>waqt</u> l-interrogazzjoni.

Il-Qorti tinnota li l-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "GM 5" – *a fol.* 12 *et seq.* u Dok. "MZ" – *a fol.* 28 *et seq.*) fit-23 ta' Dicembru 2014, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat gie moghti d-dritt ghal parir legali, liema dritt huwa rrinunzja li jezercita (Dok. "GM 4" – *a fol.* 11 u Dok. "MZ 1" – *a fol.* 30). Il-Qorti tinnota wkoll li din l-istqarrija (inkluz ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni) ser tigi skartata u dana peress li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu), u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt, jirrizulta li l-imputat ma nghatax

id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess aggravat ta' *Cannabis*)</u>:**
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat ta' *cannabis*. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi

li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu*

*esklussiv tal-hati".* Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101"".*

Illi l-atti processwali jikkontjenu s-segwenti:

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Gabriel Micallef spjega, fost l-ohrajn, x'ezercizzju sar dakinhar tat-23 ta' Dicembru 2014 fit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli li taghti ghaz-Zejtun, fejn, wara li gie nnutat mutur gej, il-mutur gie mwaqqaf u fuqu kien

hemm l-imputat. Spjega li l-imputat kellu basket li wara gie kkonfermat li fih kien hemm il-haxixa *cannabis* u spjega wkoll x'instab fir-residenza tal-imputat meta saret tfittxija hemm.

- Fuq l-istess linji bhal ma xehed l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Gabriel Micallef xehed ukoll PS 1163 Francis Schembri fejn filwaqt li identifika lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien hemm fuq il-mutur meta kien fit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli, iz-Zejtun, qal ukoll x'instab fir-residenza tal-imputat f'Birkirkara meta saret tfittxija hemm.

- Fuq l-istess linji bhal ma xehed l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Gabriel Micallef xehdu wkoll PS 635 Alan Calleja, WPC 44 Graziella Sciberras, PS 891 Oscar Baldacchino u PC 492 Keith Muscat fejn lkoll kemm huma, fost l-ohrajn, identifikaw lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li kien hemm fuq il-mutur meta huma kienu fit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli, iz-Zejtun u fejn qalu li l-imputat kellu *backpack*.

- Da parte tieghu, PC 760 Christopher Saliba xehed fuq dak li rrizulta minn tfittxija li saret fil-fond 38, Ruden, Triq il-Vittorja, Birkirkara, ghal liema tfittxija kien hemm prezenti l-imputat.

- Fir-rapport tieghu (Dok. "JM 1" – *Envelope Loose*), is-Sur Joseph Mallia wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  *"Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti dokumenti 14 CSZ-C-SG 1, 14 CSZ-C-SG2, 14 CSZ-C-SG3, 14CSZ-C-SG4; 14CSZ-C-SG5, 14 CSZ-C-SG6 u 14 CSZ-C-SG7, ritratti skalati li juru impronti digitali zviluppati permezz tal-kimika, u d-dokumenti MZ 1 formola tal-impronti digitali u MZ 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Matthew Zarb, li joqghod fil-fond numru 38, Triq il-Vitorja, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 41788(M), l-esponenti jikkonkludi dan li gej:*

  1. *Illi l-impronta dokument 14 CSZ-C-SG 1 giet ikkomparata pozittivament, u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' tan-*

*nofs tal-id il-leminija ta' Matthew Zarb, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 41788(M).*

2. *Illi l-impronti dokumenti 14 CSZ-C-SG2, 14 CSZ-C-SG3, 14CSZ-C-SG4; 14CSZ-C-SG5, 14 CSZ-C-SG6 u 14 CSZ-C-SG7, huma neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn MZwn l-impronti, u d-dokumenti MZ 1 formola tal-impronti digitali u MZ 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Matthew Zarb, li joqghod fil-fond numru 38, Triq il-Vitorja, Birkirkara, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 41788(M)"* (*a fol.* 8 *et seq.* tar-rapport Dok. "JM 1" – *Envelope Loose*).

- Fir-rapport tieghu (Dok. "GS 1" – *a fol.* 122 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

  *"(a) Li fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokumenti 209_15_01 u 209_15_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz tal-haxix kien ta' 473 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 6.5%. Il-pjanta tal-kannabis hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta"* (*a fol.* 126).

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz il-gurisprudenza kkwotata aktar-il fuq, id-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti f'dawn il-proceduri u kif ukoll mill-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti li taw id-depozizzjoni taghhom u li pprezentaw ir-rapporti taghhom, mehud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li nstab u li gie elevat u l-ammont ta' droga misjuba, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Nuqqas ta' Tharis ta' Kundizzjonijiet f'Helsien mill-Arrest):**
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li naqas li jhares il-kundizzjonijiet imposta fuqu mill-Qorti meta l-Qorti tatu l-helsien mill-arrest taht garanzija.

Illi l-Prosekuzzjoni pprezentat Dok. "GM 2" (*a fol.* 136 *et seq.*) li huwa vera kopja ta' digriet tal-15 ta' Frar 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Zarb** liema digriet gie mahrug fil-konfront ta' "Matthew Zarb" fejn fil-kundizzjoni numru 4 tieghu jinghad car li l-persuna imputata ma kellhiex tikkommetti delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest. F'dawn il-proceduri xehed l-iSpettur Johann Fenech (*a fol.* 140) li huwa l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawza li fiha kien inghata d-digriet appena imsemmi. Huwa identifika lil Matthew Zarb bhala l-imputat f'dawk il-proceduri kif ukoll li kienet l-istess persuna li nghatawlha l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak id-digriet. Identifika lill-imputat prezenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew.

Illi fir-rigward tal-prova li trid titressaq fil-kaz li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet ghall-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest, il-Qorti tinnota li, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra, il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu inghataw ikunu ghadhom pendenti **<u>fil-mument</u>** meta jkun gie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu ikunu ritenuti vigenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. Ghad-domanda: "*Taf tghidilna jekk dawk il-kundizzjonijiet ghadhomx in vigore jew le, jekk joghgbok?*" (*a fol.* 140), l-iSpettur Johann Fenech wiegeb: "*Sa fejn naf jien ghadhom in vigore iva*" (*a fol.* 140). F'dan il-kaz, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, tenut kont tal-fatt li l-iSpettur Johann Fenech ma giex mistoqsi precizament jekk il-kundizzjonijiet kienux ghadhom pendenti **<u>fil-mument</u>** li jkun gie kommess id-delitt ta' natura volontarja, u tenut kont tar-risposta tal-iSpettur Fenech fejn jghid "*sa fejn naf jien*", il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni bil-mod kif kellha tingieb u ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li l-proceduri kienu ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngiebetx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din il-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "GM 1" (*a fol.* 134 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet orali taghha d-difiza ghamlet numru ta' sottomissjonijiet dwar dak li hija tqies bhala nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova rigward din l-imputazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna kontra min inghatat is-sentenza li ssir riferenza ghaliha fil-paragrafu precedenti (Dok. "GM 1" – *a fol.* 134 *et seq.*) huwa identiku ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna u b'hekk il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li din is-sentenza giet moghtija kontra l-imputat fil-kaz odjern. Ma' dan il-Qorti zzid ukoll li huwa bizzejjed li tigi ezebita vera kopja tas-sentenza in kwistjoni u f'kaz li s-sentenza ma jkollhiex fiha l-konnotati tal-persuna kontra min inghatat, huwa necessarju li jixhed l-Ufficjal Prosekutur tal-kawza *per se* sabiex jidentifika lill-imputat bhala l-persuna kontra min inghatat din is-sentenza, haga li ma tkunx necessarja fil-kaz li s-sentenza jkollha fiha l-konnotati tal-persuna kontra min tkun inghatat liema konnotati ghandhom ikunu jaqblu ma' dawk tal-kawza, bhal fil-kaz odjern. Il-Qorti taqbel mad-difiza meta fis-sottomissjonijiet orali taghha sostniet li l-imputat m'huwiex tenut jipprova xejn, pero' huwa fl-interess tal-imputat li f'kaz li huwa jkun intavola appell minn tali sentenza, huwa jinforma l-Qorti b'dan. Apparti minn dan, jirrizulta li s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2014 (Dok. "GM 1" – *a fol.* 134 *et seq.*) tinsab elenkata fil-fedina penali (Dok. "GM 1" – *a fol.* 5 *et seq.*) tal-imputat li giet ezebita mill-Prosekuzzjoni.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joswil Galea** deciza fis-26 ta' April 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "L-appellant pero' qed jobbjetta li ma saritx il-prova li dawn is-sentenza kienu saru definittivi, prova li skond l-abbli difensur tieghu trid issir mir-Registratur tal-Qrati.
>
> Ikkunsidrat
>
> Illi l-prassi ta' dawn il-Qrati dejjem kienet li *una volta* ssir il-prova tas-sentenza billi tigi esebita kopja vera u awtentika taghha u dment li l-Qorti tkun sodisfatta li dik is-sentenza tkun tirriferi ghall-istess imputat – jew ghax issir il-prova tal-identifikazzjoni minn xi xhud fl-ewwel kawza li l-imputat odjern kien l-istess wiehed fis-sentenza esebita, jew ghaliex il-konnotati tal-imputat fiz-zewg kawzi jkunu identici – allura tkun saret il-prova tar-recidiva skond il-ligi. Qatt ma gie rikjest li ssir il-prova mir-Registratur tal-Qrati li dik is-sentenza tkun ghaddiet in gudikat. Illi meta jkun jidher mill-fedina penali – kif inhu l-kaz hawn – li dik is-sentenza tkun sahansitra mdahhla fil-fedina penali tal-akkuzat, ikun hemm prova bizzejjed li l-kaz ikun gie konkluz. **Jekk l-akkuzat irid jikkontesta dan, dejjem pero' ghandu l-mezz li igib prova kuntrarja fl-istadju opportun.** Dan ma sarx f' dan il-kaz […]." [emfazi mizjuda]

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-imputat ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv <u>biss</u> *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "GM 1" (*a fol.* 134 *et seq.*) l-imputat imsemmi gie kkundannat sentenza sospiza t-terminu ta' liema kien ghadu ghaddej fit-23 ta' Dicembru 2014.[6]

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ikkommetta Reat Waqt Perjodu Operattiv ta' Sentenza Sospiza):</u>**

---

[6] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Gunju 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony sive Antoine Rapa**.

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-vera kopja tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru 2014 (Dok. "GM 1" – *a fol.* 134 *et seq.*), il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel riferenza wkoll ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni fir-rigward ta' din is-sentenza. Il-Qorti zzid tghid ukoll li, filwaqt li terga' ttenni li l-imputat m'huwiex tenut jipprova xejn, pero' huwa fl-interess tal-imputat li jinforma lill-Qorti li huwa (f'kaz li jkun hekk) diga' gie trattat dwar reat waqt l-istess perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u b'hekk jigu evitati appelli bla bzonn fuq dan il-fatt.

Illi l-Qorti zzid tghid ukoll li fis-sentenza tat-23 ta' Settembru 2014 l-imputat gie kkundannat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija liema terminu gie sospiz ghal perjodu ta' erba' (4) snin u dana *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont tal-fatt illi l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u tenut kont tal-fatt li l-imputat kkommetta dan ir-reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Sewqan ta' Mutur Meta l-Licenzja Kienet Sospiza):**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura *ossia* mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657 meta ma kienx licenzjat biex isuqu u dana peress li kellu l-licenzja tieghu sospiza bis-sentenza tat-23 ta' Settembru 2014 imsemmija aktar il-fuq.

Illi PS 635 Alan Calleja, WPC 44 Graziella Sciberras, PS 891 Oscar Baldacchino u PC 492 Keith Muscat lkoll identifikaw lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna li dakinhar tat-23 ta' Dicembru 2014 kien qed isuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBV 657. Mid-depozizzjoni ta' Stephen Cachia (ir-rapprezentant ta' Transport Malta) jirrizulta li minn ricerka li ghamel DBV 657 huwa mutur. Dan jirrizulta wkoll mid-dokument ezebiet minnu u li gie mmarkat bhala Dok. "SC" (*a fol.* 71).

Illi, tenut kont tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Settembru 2014 li ssir riferenza ghaliha fil-hames (5) imputazzjoni u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward ta' din is-sentenza taht it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, mehud in konsiderazzjoni li fis-sentenza in kwistjoni l-Qorti ddecidiet li *"tissospendilu l-licenzja tas-sewqan [tal-imputat] ghal zmien tliet (3) xhur millum"* (*a fol.* 134) u tenut kont tal-fatt li dawn it-tliet xhur kienu jiskadu fit-23 ta' Dicembru 2014 (data inkluza), b'hekk ifisser li meta l-imputat kien qed isuq il-mutur in kwistjoni fit-23 ta' Dicembru 2014 huwa ma setghax jaghmel hekk peress li kien ghad kellu l-licenzja tieghu tas-sewqan sospiza. Ghaldaqstant isegwi li l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati u li l-imputat ser jinstab hati taghhom huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tielet (3) (recidiv <u>biss</u> *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni,

> kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza **Il-Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel

> ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza *o meno*. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi *o meno* tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin tinnota li kull kaz irid jigi determinat a bazi taccirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodifacentement pruvati u n-natura serja taghhom, b'mod partikolari dawk li jemergu mill-ewwel (1) imputazzjoni u mir-raba' (4) imputazzjoni;

- il-fedina penali (Dok. "GM 1" – *a fol.* 5 *et seq.*) tal-imputat li mhijiex wahda nadifa;

- l-ammont ta' droga misjub, li m'huwiex wiehed zghir; u

- l-ko-operazzjoni da parte tal-imputat mal-Pulizija meta gie mwaqqaf bil-mutur li kien fuqu meta kien ghaddej fit-triq maghrufa bhala tac-Cawsli.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ma ssibux hati wkoll lanqas talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif imsemmi fit-tielet (3) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mit-tieni (2) imputazzjoni u minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 15 ta' Gunju 2017 u senjatament Artikoli 28B u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

kif ukoll wara li rat

Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Matthew Zarb hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni u ssibu hati wkoll ta' dik il-parti biss tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u, filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' sitt (6) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghal erba' (4) snin[7], tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' tletin (30) xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie **globalment** kundannat ghal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar prigunerija u tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Zarb sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-

[7] Dok. "GM 1" – *a fol.* 134 *et seq.*.

proceduri u cioé is-somma ta' tlitt'elef, mitejn u disgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€3239.29).[8]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[8] PS 422 Neil Caruana u PC 1362 Jonas Schembri (Dok. "NC" – *a fol.* 62) (€75.64); Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS 1" – *a fol.* 126 *tergo*) (€171.34); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH 1" – *a fol.* 170) (€179.81); Joseph Mallia (Dok. "JM 1" – l-ahhar pagna tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€619.33); Dr. John Seychell Navarro (Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali) (Dok. "JSN 1" – *a fol.* 52 tar-rapport li jinsab go *Envelope Loose*) (€2193.17).